Marzu 2011 • Vol 18 • Nru. 1

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



## Fil-Paġni ta' ġewwa

- Il-Korp tal-Pulizija jirbaħ unur fil-Malta People Awards 2010
- Għoti ta' Ċertifikati ta' Mertu u t-tqassim tax-Shield
- Rabtiet bejn il-Korp tal-Pulizija u l-Universita' ta' Malta

u aktar...

*Newspaper Post*

# eWorld for all your IT requirements!

(intel) i3 CORE inside™

Faster.
Smarter.

★★★☆☆
Processor Rating



**€ 799** inc VAT

BUY ONLINE on: https://eworld.trolleymania.com/

**choose from...**

**HP Printers**
**HP Notebook PCs**
**HP Netbook PCs**
**HP Desktop PCs**
**HP TFT Monitors**
**Microsoft Windows 7**
**Microsoft Office**
**Targus Carry Cases**
**UPS's and much more!**

## HP ProBook 4520s Intel® Core™ i3-370M Processor

*Inquire about a long life battery, docking station, mouse, carry case & monitor. HP accessories to compliment your PC and make your life easier.*

# www.eworld.com.mt

eWORLD

APLAN Limited trading as eWORLD
34, MSIDA SEAFRONT, MSIDA
21226112 sales@eworld.com.mt

STUDENT CARD ACCEPTED

**NOW ALSO OPEN AT**

Homemate

HOMEMATE MRIEHEL, B'KARA
**21480623 ext: 130**

Intel, the Intel logo, Intel Core, and Core Inside are trademarks of Intel Corporation in the U.S. and other countries. For more information about the Intel processor feature rating, please refer to www.intel.com/go/rating.




**Cover:**
Il-Kummissarju tal–Pulizija s-Sur John Rizzo flimkien mar-Rettur ta' l-Universita' ta' Malta l-Profs. Juanito Camilleri waqt l-iffirmar tal-Memorandum

Marzu 2011 • Vol 18 • Nru. 1

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ

5 Editorjal

9 Il-Korp tal-Pulizija jirbaħ unur fil-Malta People Awards 2010

11 Surġent Malti f'Esperjenza mat-Taqsima tal-Kavallerija tal-Pulizija Metropolitana ta' Londra

15 Taħriġ u Gradwazjoni ġewwa l-FBI National Academy fi Quantico, Virġinia, USA

19 Għoti ta' Ċertifikati ta' Mertu u t-tqassim tax-Shield

25 Qtil bi żball f'Ħaż-Żebbuġ Pulizija qatel bi żball raġel li kien sejjer għal kenn u l-wens tal-għassa, sforz il-biża' u l-għagħa tan-nies

29 Attivitajiet mill-Korp tal-Pulizija fi żmien il-Milied

37 L-Interpreti, Il-Qrati u l-Pulizija

41 Żjara storika ġewwa d-Depot tal-Pulizija mill-Ministru tal-Intern Estonjan

43 Apprezzamenti u kommentazzjonijiet tal-Pulizija

47 Rabtiet bejn il-Korp tal-Pulizija u l-Universita' ta' Malta

51 L-użu skorett tat-telefon

57 International Police Association

60 Għaqda Pulizija Pensjonanti

62 Mejtin













## IL-PULIZIJA

**Membri tal-Bord Editorjali:**

**President:** Supt. Dr Mario Spiteri LL.D.
**Editriċi:** Wps 93 Carol Fabri
**Membri:** Ps 128 Joseph Farrugia
Ps 772 Dennis Agius
Wpc 101 Roberta Grima
Wpc 255 Roberta Fenech
Is-Sur Joseph Borda

**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-Magazine ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għanda tintbgħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "il-Pulizija", C.M.R.U., Police Headquarters,
Floriana, VLT 2000

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS - TARXIEN




**Discover how an HSBC Advance relationship can help turn your dreams into reality.**

When you bank with HSBC, it's not just about today. We also like to help you prepare for tomorrow. Whatever's next on your horizon, we want to help you protect what's important to you, leaving you more time to focus on your work and family. With our team of financial advisers, annual reviews and a range of online tools, you could start to build the future you want.

And with our HSBC Advance bank account you get special benefits and services, including preferential rates and benefits that can help you achieve your goals.

**To start your HSBC advance relationship, call 2148 9101, visit your nearest branch, or click www.hsbc.com.mt/advance**

HSBC**Advance**

HSBC
The world's local bank

Terms and conditions apply. Approved and issued by HSBC Bank Malta p.l.c., 116, Archbishop Street, Valletta VLT1444. HSBC Bank Malta p.l.c. is licensed by the MFSA to conduct investment services business and is enrolled as a tied insurance intermediary for HSBC Life Assurance (Malta) Ltd.

# Editorjal

Kulħadd jieħu pjaċir meta jiġi mfaħħar għal xi biċċa xogħol li jkun għamel, u minn naħa l-oħra, ħadd ma jieħu pjaċir meta jiġi kkritikat.

Kumment li nixtieq ngħaddi huwa li meta aħna nkunu fil-ħażin irridu nammettu li nkunu fil-ħażin. Kumment li urtani ftit kien meta ċempilt f'Għassa partikolari biex niġbed l-attenzjoni li meta suppost vettura qed tiġi misjuqa fid-dlam din għandha tkun bid-dawl.

Ħa nqerr, ħalqi waqali meta smajt Kuntistabbli jeħodha miegħi għax kien urtat li għaddejt dan il-kumment. Mela x'kien jagħmel dan il-Kuntistabbli kieku flok kont jien li kkumentajt kien jidher f'xi parti minn artiklu jew ittra f'xi ġurnal!

Il-punt li rrid nagħmel huwa li jekk aħna qegħdin hemm biex naraw li fit-toroq tagħna ma jkunx hemm min jikser il-liġi, ma nkunux aħna li niksruhom!

F'dawn l-aħħar jiem kelli żewġ esperjenzi fejn rajt kemm isir xogħol siewi minn wara l-kwinti. Fl-aħħar ta' Jannar kelli l-opportunita' li mmur wieħed mir-*route marches* li qed jiġi organizzat lir-rekluti li jkunu *live-in*. Nista' ngħid li kienet esperjenza sabiħa għax apparti li tara grupp ta' nies jaħdmu flimkien, tara kif ċerti aspetti fix-xogħol tagħna jkunu qed jinbtu f'eżerċizzji bħal osservazzjonijiet, il-mod kif isiru t-tfittxijiet, *team building* u kommunikazzjoni. Ta' min ifaħħar l-inizjattivi tal-Uffiċjali, rrispettivament mir-rank, li mix-xejn taw sens ta' direzzjoni fil-ħajja polizjeska lil dawn ir-rekluti.

Minn dawn il-paġni nixtieq ngħid prosit u grazzi tal-ħidma tagħhom lil dawk kollha li b'xi mod kienu nvoluti fix-xogħol li qiegħed isir fil-kappella tal-Korp. Dawn in-nies verament ħaqqhom prosit tad-dedikazzjoni fix-xogħol li qiegħed isir.






**Quality:** high level of finish, luxury and specs. **Performance:** impressive, with Euro 5 compliant engines. **Handling:** superb response, smooth ride, absorb bumps well. **Safety:** in all driving conditions. **Innovation:** smart, user-friendly technology. **Practicality:** impressive amounts of space front and rear. **Running Costs:** very low, thanks to high tech, fuel efficient, eco friendly power units. **Cool:** stylish to be seen in.

FIAT lowest average $CO_2$ emissions

**Punto Series 5 1.2L Petrol starting from €11,950**

**SAVE UP TO €2,000 with the government scrappage scheme.**

**www.fiat.com.mt**

**Fiat Showroom**, Psaila Street, B'Kara. Tel: 2382 3100. Fax: 2382 1010. UCIM Co. Ltd - a member of the Pater Group.

**Terms & conditions apply.*

Join us on Facebook










## Pulse Fitness Malta Police Offers*

- **Couple rate:** pay **€260** per person for a joint membership of six months;

- **Annual group membership:** pay **€502** for 12 months instead of €599 when you join as a group of 3 or more friends or family;

Both offers can be paid by monthly direct debit but if paid in full on booking, an extra one month's membership will be added to your membership.

Benefits in addition to full use of fitness, hydro and sauna:

- 15% discount on all treatments
- 15% discount at all Corinthia Palace Hotel and Spa F&B outlets
- 12-day membership free passes
- 15% discount on all services at Estetika
- One free Kinesis Class or Personal Training session

* Police ID to be shown upon signing up

## Relax and destress after a hard day at work

**Holistic Relax Package: €50**

- Sea Salt Scrub
- Back Massage
- Hydrofloatation Session
- Free Day Spa Visit

Enjoy this package with a group of 4 friends or family and benefit from a **10% discount.**

PULSE FITNESS STUDIO

ATHENÆUMSPA BY ALGOTHERM

Corinthia Palace Hotel and Spa, De Paule Ave., Balzan
Tel: 2544 3001/2 | www.athenaeumspa.com.mt | www.pulse.com.mt




# sebbaħ id-dar tal-ħolm tiegħek

Darba waħda għażilt id-dar tal-ħolm tiegħek. Issa wasal iż-żmien li tkompli ssebbaħha billi żżid dawk l-affarijiet li dejjem xtaqt li jkollok, bħal *swimming pool* jew għandek bżonn toħloq spazju akbar. Aħna nistgħu ngħinuk biex dan il-proċess ikun wieħed aktar faċli u ta' inqas piż finanzjarju. Kellimna llum biex issir taf aktar.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV HOME LOANS**

**2131 2020 | bov.com**

BOV 27444

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

Is-self huwa suġġett għal kriterji normali ta' self u għall-approvazzjoni finali mill-fergħa tiegħek tal-BOV. Termini u kundizzjonijiet japplikaw. It-terminu ta' self ma jistax ikun aktar mill-eta' tal-irtirar.

BOV
Bank of Valletta

# Il-Korp tal-Pulizija jirbaħ unur fil-Malta People Awards 2010

Nhar il-Ġimgħa 10 ta' Diċembru, 2010, il-Korp tal-Pulizija rebaħ l-"*Actavis Learning and Development Award*" tal-"Malta People Award 2010" fis-serata li saret f'lukanda prominenti organizzata mill-"Foundation for Human Resources Development".



Dan l-unur jingħata lil dawk l-entitajiet li, fost affarijiet oħra, juru nnizzjativa u impenn serju fit-tagħlim u l-iżvillup tal-impjegati tagħhom.

Il-Korp tal-Pulizija jirrikonoxxi l-fatt li t-taħriġ jifforma parti ntegrali mill-karriera ta' uffiċjal tal-Pulizija u kien proprju għalhekk li ġie mniedi program sabiex il-membri tal-Korp jattendu sensiela ta' lezzjonijiet f'diversi oqsma li għadhom x'jaqsmu mad-dmirijiet u d-doveri tagħhom, kemm dawk prattiċi u kemm dawk tejoretiċi. Barra minn dan, il-Korp jieħu sehem attiv ħafna fil-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) u dan billi jorganizza korsijiet hawn Malta kif ukoll billi jibgħat uffiċjali għolja sabiex jattendu skambji, seminars, taħriġ jew konferenzi fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja jew fl-iStati Assoċjati tagħha.

Fil-fatt, f'evalwazzjoni li saret dan l-aħħar mis-CEPOL, Malta hi l-aktar Stat Membru li bħala medja, bejn is-snin 2006-2009, bagħtet uffiċjali għolja jipparteċipaw f'taħriġ fil-korsijiet u s-seminars li jiġu organizzati. Dan ir-riżultat inħadem fuq il-perċentaġġ tal-popolazzjoni tal-uffiċjali għolja li Malta għandha meta mqabbel ma' dak ta' Stati Membri oħrajn.

Dan is-suċċess jixhed li l-Korp qiegħed fit-triq it-tajba fejn jidħol l-iżvillup kontinwu tal-impjegati tiegħu.





FREE ENTRANCE
MALTA'S LARGEST INDOOR FUN EXPERIENCE
FUNLAND
KIDS
TEENAGERS
FAMILIES
ADULTS
TWO FLOORS
BILLIARDS & PROFESSIONAL POOLS
MALTA'S LARGEST
KID'S PLAYGROUND
NEW TO MALTA
5D THEATER
NEW TO MALTA
SOFT CANNON
LARGE CHOICE
MUKKY'S TOYHOUSE
TRAMPOLINES
FUN KIDS PARTIES
ONLY €8.50 PER CHILD
FREE CAKE FOR PARTIES WITH OVER 15 CHILDREN
CUT OUT TOKENS & JOIN THE FUN
€1 OFF ADMISSION TO SELECTED ATTRACTIONS
CUT OUT THIS TOKEN & JOIN US AT FUNLAND
TERMS & CONDITIONS APPLY
€1 OFF ADMISSION TO SELECTED ATTRACTIONS
CUT OUT THIS TOKEN & JOIN US AT FUNLAND
TERMS & CONDITIONS APPLY
€1 OFF ADMISSION TO SELECTED ATTRACTIONS
CUT OUT THIS TOKEN & JOIN US AT FUNLAND
TERMS & CONDITIONS APPLY
PIAZZA CASCATA
Piazza Cascata
St. Georges Road, St. Julians, Malta
Tel: 2135 9694 • www.funlandmalta.com

# Surġent Malti f'Esperjenza mat-Taqsima tal-Kavallerija tal-Pulizija Metropolitana ta' Londra

PS Bastjan Psaila

L-interess tiegħi fis-sewqan, taħriġ u l-kura taż-żwiemel inbidlet f'karriera fit-Taqsima tal-Kavallerija tal-Pulizija. Dan l-interess mhux limitat għax-xogħol biss, li tant hu għal qalbi. Meta nkun għal btala barra minn Malta, speċjalment f'Londra, nara li jkolli ħin biex inżur it-Taqsima tal-Kavallerija tal-Pulizija u nqatta' ftit tal-ħin magħhom. Dejjem kelli x-xewqa li nagħmel pass ieħor u jkolli l-opportunita' li nagħmel ronda biż-żiemel mal-Pulizija fit-toroq tal-kapitali Ingliża.



F'Jannar tas-sena li għaddiet, flimkien mal-mara tiegħi, Eileen, iddeċidejna li mmorru vaganza Londra. Mill-ewwel ħsibt li din id-darba nipprova nwettaq ix-xewqa li f'xi ġurnata tul il-btala nirkeb żiemel mal-Pulizija ta' Londra. Għalhekk għamilt kuntatt mal-Pulizija Metropolitana fejn tlabthom li ningħaqad magħhom għal ftit sigħat ta' ronda b'żiemel minn tagħhom. It-talba ġiet aċċettata minnufih u nfurmawni biex f'nofs Awwissu, jiġifieri xahrejn qabel iż-żjara tiegħi f'Londra, nerġa' nagħmel kuntatt magħhom biex jiġu finalizzati d-dettalji.

Hekk għamilt f'Awwissu. Infurmajt ukoll lill-*Malta Police Association* li min-naħa tagħhom għamlu kuntatt mal-*International Police Association* tal-Ingilterra u tawhom id-dettalji dwar iż-żjara li jien ippjanajt għal Ottubru. Waqt li l-IPA irrispondew fi ftit ġranet u qaluli li huma nfurmati bija, ddiżappuntajt ruħi mhux ftit meta wasal Ottubru u ma rċevejt xejn mingħand il-Pulizija ta'

> *Infurmajtu li t-Taqsima tal-Kavallerija f'Malta għandha storja li tmur lura 150 sena u ddiskutejna xi problemi u sfidi li niltaqgħu magħhom fl-istalel.*



Londra. Nistqarr li kont rassenjat li f'din il-btala ma kienx se jirnexxieli naqta' x-xewqti. Madankollu, fid-9 ta' Ottubru, tliet ijiem qabel il-ġurnata li fiha jien u l-mara kellna nħallu Malta, rċevejt *e-mail* mingħand is-Surġent Russel Pickin, li hu nkarigat mill-istalel tal-Pulizija f'Hyde Park. Hu nfurmani li kellu struzzjonijiet mingħand uffiċjali tal-Pulzija Metropolitana biex jassistini matul il-mawra tiegħi għandhom. Fiż-żmien limitat li kien fadal, tkellimt mas-Segretarju Ġenerali tal-MPA, Neville Mercieca, li tani *banner* tal-Assoċjazzjoni u xtrajt xi tifkiriet ta' Malta biex nippreżentahom lil dawk f'Londra li għenu biex ix-xewqa tiegħi sseħħ. Għamilt ukoll kuntatt mal-*Malta House* f'Londra, li tilqa' l-Kummissjoni Għolja ta' Malta għall-Ingilterra biex infurmajthom bil-preżenza tiegħi hemmhekk fil-jiem ta' wara.

L-appuntament għal din l-esperjenza li tant kien ili nistenna wasal! Nhar it-12 ta' Ottubru, jien u l-mara ħallejna Malta filgħodu b'titjira lejn Londra. Wara li ħallejna l-bagalji fil-lukanda tlaqna biex kif miftiehem, fl-4.00 p.m. niltaqgħu mas-Surġent Russell Pickin ħdejn Marble Arch. Minn hemmhekk, tlaqna flimkien biex naraw l-istalel li l-Kavallerija tal-Pulizija Metroplitana għandha f'Hyde Park. Is-Surġent Pickin hu raġel tal-affari tiegħu ħafna, jaf xogħolu tajjeb u mill-ewwel qbadna diskursata dwar il-ħidma tagħna fil-pajjiżi rispettivi. Infurmajtu li t-Taqsima tal-Kavallerija f'Malta għandha storja li tmur lura 150 sena u ddiskutejna xi problemi u sfidi li niltaqgħu magħhom fl-istalel.






Ftit tal-ħin wara li waslana fl-istalel irċievejt telefonata mingħand il-Kummissarju Għoli ta' Malta għall-Ingilterra, s-Sur Joe Zammit Tabona, fejn ftehmna biex fil-ġurnata meta se nagħmel ir-ronda mas-Surġent Pickin niltaqgħu miegħu quddiem il-*Malta House.*

L-għada, it-13 ta' Ottubru, s-Surġent Russell Pickin stedinna għal mawra f'Imber Court, siegħa 'l bogħod minn Londra. Hawnhekk huma għandhom post fejn isir it-taħriġ kemm għall-Pulizija li jkunu għadhom kemm ingħaqdu fit-taqsima tal-Kavallerija u anke għal żwiemel ġodda. Il-faċilita' li l-pulizija għandhom hawnhekk hi nteressanti ħafna għal min hu dilettant u dedikat għal dan ix-xogħol.

Waslet imbagħad il-ġurnata tal-Ġimgħa 15 ta' Ottubru, meta x-xewqa tiegħi kelli naraha sseħħ u nirkeb mal-Pulizija Metropoltiana għal ronda fiċ-ċentru ta' Londra. Kif miftiehem, fid-9.00 a.m. Itqajt mas-Surġent Pickin fl-istalel ta' Hyde Park. Kellna żewġ żwiemel bojod lesti biex jintrikbu, tiegħi bl-isem ta' "Isaac". Tlaqna mill-ewwel għal din l-esperjenza li nistqarr mhu se ninsa' qatt. L-ewwel waqfa tagħna, kif miftiehem kienet il-*Malta House* f'Piccadilly fejn sibna jistennewna lill-impjegati flimkien mal-Kummissarju Għoli Malti, s-Sur Joe Zammit Tabona. Jien ipprezentajtlu *banner tal-Malta Police Association* u hemmhekk ħadna ritratti ta' tifkira. Akkumpanjat mis-Surġent Pickin komplejna r-ronda fuq iż-żwiemel u fir-rotta li segwejna għaddejna minn ħdejn binjiet u nħawi magħrufa, bħal St James, Trafalgar Square, il-Katidral ta' San Pawl, Westminster Cathedral, House of Parliament, Victoria u Buckingham Palace, fejn mill-ewwel ġeddidt il-memorji ta' skorti li għamilna mar-Reġina fi żjarat li għamlet f'Malta.

Ir-ronda mat-taqsima tal-Kavallerija tal-Pulizija Metropolitana kienet esperjenza li dejjem xtaqt u rnexxieli!




Thomas Smith Insurance Agency Limited is authorised to act as an Insurance Agent of GasanMamo Insurance Limited and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

# IMMEDIATE MEDICAL CARE UNIT (IMCU)








SAINT JAMES
HOSPITAL
*Because our family cares*

malta
**SLIEMA**
**ZABBAR**
**MOSTA**
**TRANSFORMA COSMETIC CLINIC**
international
**TRIPOLI**
**BUDAPEST**

## 24 hours a day.
## 365 days a year.

Whatever your **immediate** medical need may be, our experienced doctors & nurses will deal with it within the professional setting of Malta's leading private hospital group.

## CALL 21 333333

**Zabbar Hospital** - St. James Square, Zabbar ZBR 3103
**Sliema Hospital** - George Borg Olivier Street, Sliema SLM 1807

**www.stjameshospital.com**







# THE ECCO SOLUTION:

Vibram®



Art. 68783 Size. 35 – 41
Art. 68784 Size. 39 – 46



Art. 68773 Size. 35 – 41
Art. 68774 Size. 39 – 46



Art. 68753 Size. 35 – 41
Art. 68754 Size. 39 – 46

They are currently being delivered to the Dansk Police Force, DSB Danish Railways, Post Danmark, Danish Rescue and Security and Traffic Wardens.

For trade enquiries on the ECCO Professional series, please contact Zammit La Rosa Footwear Ltd on 21378433 or info@ecco-shoes.com.mt
Also available from "Lucky Shoe" Tigrija Palazz, Victoria, Gozo Tel: 21559335

Our current seasonal collection may be viewed at **www.ecco-shoes.com.mt**

BY APPOINTMENT TO THE ROYAL DANISH COURT
ecco®

# Taħriġ u Gradwazzjoni ġewwa l-FBI National Academy fi Quantico, Virġinia, USA.

Spettur Keith Arnaud - CID

Ftit tal-ġimgħat ilu, eżattament bejn l-24 ta' Settembru u l-10 ta' Diċembru 2010, inagħtajt l-opportunita' li nirrapprezenta l-Korp tal-Pulizija ta' Malta waqt kors ta' taħriġ ta' ħdax-il ġimgħa ġewwa l-*FBI National Academy* li tinsab fi Quantico, Virġinia, l-iStati Uniti tal-Amerika.




L-Akkademja tinsab ġewwa l-*Marine Corps Base*, fi Quantico, mifruxa fuq medda ta' art ta' 93 mil kwadru. Għal dan il-kors attendew 250 uffiċjal tal-Pulizija, 225 uffiċjal minn ġewwa l-iStati Uniti u 25 Internazzjonali minn 21 pajjiż. Tul il-ħdax-il ġimgħa, kull uffiċjal ingħata taħriġ, kemm fiżiku kif ukoll akkademiku fuq suġġetti magħżula minn kull uffiċjal, skond il-linja speċjalizzata tiegħu. Fl-aħħar tal-kors saru eżamijiet finali fuq livell ta' Diploma, li hija ukoll rikonoxxuta mill-Universita' ta' Virġinia. Apparti l-lezzjonijiet, fi tmiem ta' kull ġimgħa kull uffiċjal attenda għal *enrichment nights u seminars* minn *guest speakers u lecturers* miġjuba apposta mill-uffiċjali tal-Akkademja. *Seminars* interessanti ħafna kienu dawk ta' erbat ijiem ġewwa l-bini prinċipali tal-*New York Police Department* (NYPD), fi New York u ieħor ta' ġurnata ġewwa l-bini tal-*Pentagon*, Washington.

Fir-rigward tat-taħriġ akkademiku, kull uffiċjal għażel ħames suġġetti fost il-ħafna pprovduti mill-Akkademja, skond il-linja speċjalizzata li huwa stazzjonat fiha fid-dipartiment rispettiv. L-għażla ppruvajt nibbażaha fuq linja nvestigattiva u għalhekk ikkombinajt ħames suġġetti relatati max-xogħol fid-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali. Is-suġġetti magħżula kienu;

- *Advanced Behavior-Based Investigative Strategies for Violent Crime,*
- *Seminar in Investigative Interviewing,*
- *Interviewing Strategies through statement analysis,*
- *Youth Violence: Victims and Perpetrators*
- *Effective Writing.*

L-ewwel erba' suġġetti huma bbażati kollha fuq tipi ta' nvestigazzjoni u bażikament jittrattaw dan li ġej.

Suġġett numru wieħed jittratta l-mod ta' kif issir investigazzjoni bbażata fuq l-analiżi ta' delitt li minnu jinbena profil ta' min jista' ikun l-awtur ta' delitt.



Dan il-*profiling* isir l-aktar fejn jidħlu delitti serji u li bih tinħoloq linja ta' gwida għall-investigaturi sabiex tgħinhom jaslu għall-awtur. Il-lezzjonijiet għal din il-klassi saru fil-*Behavioral Science Unit* tal-Akkademja, li huwa l-unika post fl-akkademja li jintuża' mill-FBI għal finijiet ta' nvestigazzjoni. Din kienet klassi interessanti ħafna fejn apparti l-*lectures*, kull uffiċjal tellgħa preżentazzjoni dwar investigazzjoni reali ta' każ domestiku li kien involut fih l-istess uffiċjal.

Matul il-preżentazzjoni, l-kumplament tal-uffiċjali fil-klassi għamlu 'kritika' analizzattiva tal-investigazzjoni ppreżentata minn dak l-uffiċjal sabiex minn dik l-'awtopsja' wieħed jitgħallem aktar kif għandu jibni l-investigazzjoni, fuq liema linja għandu jibbaża' l-aktar l-investigazzjoni, kif ikunu laqtu ċertu deċiżjonijiet




meħuda tul il-każ u fuq kollox, jiġi analizzat dak li kien ta' suċċess u dak li ma kienx daqstant tajjeb.

Għal kuntrarju ta' suġġett numru wieħed, suġġetti numru tnejn u tlieta huma bbażati fuq *techniques* li nvestigatur jista' juża' meta din id-darba s-suspettat ikun magħruf u jkun quddiemu għall-investigazzjoni. Suġġett numru tnejn huwa bbażat l-aktar fuq *techniques* ta' kif investigatur għandu jitratta mas-suspettat u kif għandu jpoġġi l-mistoqsijiet waqt l-interrogazzjoni/intervisti, li bihom wieħed jasal sabiex jikseb kull informazzjoni possibbli mingħand is-suspettat u meta jkun possibbli, tinkiseb konfessjoni. Minn naħa l-oħra, suġġett numru tlieta jikkonsisti f'analiżi dettaljata ta' intervista li Pulizija tagħmel lil persuna qabel jiġi trattat bħala suspettat.

Din hija l-aktar relatata ma' proċedura f'ħafna Stati Amerikani fejn qabel issir l-interrogazzjoni, persuna jingħata *open ended questions* u fuq dak li jikteb hu stess isiru analiżi dettaljata sabiex jiġi stabbilit jekk dik il-persuna hux *deceptive* jew le. Dan isir billi jiġu analizzati l-użu tal-verbi, l-aġġettivi, l-pronomi u n-nomi u jiġi wkoll analizzat il-bdil tagħhom f'ċertu waqtiet meta suspettat ikun qed jirrakkonta u għaliex persuna tkun għamlet dan it-tibdil f'dak il-waqt partikolari tar-rakkont. Dan huwa eżerċizzju nteressanti ħafna għaliex minn dak li persuna jikteb, l-investigatur ikun jista' jagħraf kemm wieħed ikun ġenwin jew qarrieqi f'dak li jkun qed jgħid, jallega jew jirrakkonta. Fir-rigward tal-proċedura Maltija, dan il-proċess jista' isir xorta waħda mill-mument li nvestigatur jibda jitkellem ma' suspettat meta ikun qed jibni r-rapport u jibqa' għaddej matul l-interrogazzjoni.

Suġġett numru erbgħa huwa relatat ma' delitti magħmula minn u fuq adoloxxenti. Dan kien suġġett interessanti l-aktar għal fatt illi wieħed jagħraf ir-raġuni li l-adoloxxenti jaslu biex jaqgħu fil-ħajja kriminali.
Suġġett numru ħamsa jikkonsisti fil-binja tar-rapport finali li isir wara kull investigazzjoni. Dan huwa suġġett importanti ukoll għaliex dak kollu li isir f'investigazzjoni jrid jiġi mnizzel bil-miktub u jintuża' f'referenza futura, speċjalment fil-Qorti, meta l-ġudikant jiġi biex jagħti ġudizzju. Il-mod ta' kif isir rapport jagħti l-fakulta' lill-investigatur sabiex wara ċertu żmien jittrinsika l-memorja ta' dak li jkun investiga u jipprepara ruħu meta jiġi biex jagħti rendikont fil-Qorti qabel isir il-ġudizzju.

Fir-rigward tat-taħriġ fiżiku, kull uffiċjal għamel l-istess tip ta' taħriġ, ibbażat l-aktar fil-ġiri, fejn ġimgħa wara l-oħra serviet bħala preparazzjoni għal eżami finali ta' ġirja ta' ftit aktar minn sitt mili, li nofsha hija magħmulha minn ostakli differenti. Din il-ġirja hija magħrufa aħjar bħala *The Yellow Brick Road*. Dan huwa *obstacle course* li kull *FBI Agent* ġdid jagħmel bħala parti mit-taħriġ fiżiku finali qabel jibda' l-ħajja fl-infurzar tal-liġi. Fl-aħħar tal-kors, kull uffiċjal li kkonkluda b'suċċess din il-ġirja, ngħata *yellow brick* kommemorattiva bin-numru tal-kors li jkun attenda miktub fuqha.

Il-kors laħaq il-qofol tiegħu f'jum il-gradwazzjoni nhar l-10 ta' Diċembru 2010, li saret wara ġimgħa ta' eżamijiet li kull uffiċjal temma b'suċċess. Iċ-ċertifikati tqassmu mid-Direttur tal-*Federal Bureau of Investigation* is-Sur Robert Swan Mueller. Għal kuntrarju ta' l-uffiċjali Amerikani, ftit kienu l-uffiċjali Internazzjonali li l-familjari tagħhom attendew għal din iċ-ċerimonja. Madanakollu, jien kont onorat bil-perzenza ta' l-Eċċellenza Tiegħu l-Ambaxxatur għal Malta ġewwa l-iStati Uniti, s-Sur Mark Miceli, li għoġbu jattendi għal jum il-gradwazzjoni. Wara ċ-ċerimonja konna mistednin fil-*VIP room* ta' l-Akkademja sabiex nieħdu ritratt ta' kommemorazzjoni ma' l-Eċċellenza Tiegħu u mad-Direttur ta' l-FBI Robert Swan Mueller.

Mingħajr dubju, dawn kienu ħdax-il ġimgħa ta' esperjenza li żgur mhux ħa ninsa. Kienet opportunita' unika li għenitni nżid ma' dak li s'issa tgħallimt fl-erbatax-il sena li ilni nservi fil-Korp tal-Pulizija. Ta' dan nixtieq nirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo ta' l-opportunita' li għoġbu jagħtini biex nattendi dan il-kors u nirrapprezenta lill-Korp tal-Pulizija fost il-249 uffiċjal ieħor.

Nirringrazza ukoll lill-Assistent Kummissarju Pierre Calleja u s-Supretendent Silvio Valletta talli dejjem urew fiduċja fija u għamluli kuraġġ tul is-sentejn li s'issa ilni stazzjonat fid-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali. Nirrigrazzja ukoll lil mara tiegħi talli dejjem kienet ta' sapport tul il-karriera tiegħi, b'mod partikolari tul il-ħdax-il ġimgħa li għamilt 'il bogħod minn Malta. Nagħlaq billi ngħid li dak kollu li tgħallimt tul il-ħdax-il ġimgħa ġibtu lura miegħi fid-Dipartiment sabiex naqsmu ma' sħabi u flimkien nużaw l-aħjar metodi possibbli biex flimkien inrażnu l-kriminalita' u nżommu pajjiż sikur għal poplu Malti kollu.

SALARY **ACCOUNT**

# JIENA NEMMEN **F'AKTAR BENEFIĊĊJI MAS-SALARJU TIEGĦI**



**PAKKETT FINANZJARJU AĦJAR**

Staqsi għal aktar informazzjoni>>

## JIENA NISTA' NIEĦU AKTAR BENEFIĊĊJI MAS-SALARJU TIEGĦI

Il-Banif Salary Account huwa pakkett finanzjajru mmirat biex jgħini nibbenefika aktar mis-salarju tiegħi. Is-Salary Account joffri diversi benefiċċji fuq kontijiet ta' depożitu, dawk ta' self, flimkien ma' servizzi elettroniċi konvenjenti li jagħtuni l-faċilità li naċċessa u nħaddem flusi skond il-ħtiġijiet tiegħi.

Jien nemmen fl-għażla li tagħtini aktar benefiċċji.

Termini u Kundizzjonijiet japplikaw. Is-self u l-kards ta' kreditu huma suġġetti għall-kriterji normali ta' self tal-Bank. Il-Bank jirriserva d-dritt li jwaqqaf dan il-prodott skond id-diskrezzjoni tiegħu. Il-Banif Bank (Malta) plc huwa liċenzjat mill-MFSA biex joffri servizzi bankarji, skond it-termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju 1994 u huwa membru ta' l-iskema ta' Kumpens lid-Depożitant stabbilita` skond ir-Regoli tad-'Depositor Compensation Scheme' 2003. Reġistrat f'Malta C41030 – 203, Level 2, Rue D'Argens, Gżira, GŻR 1368, Malta.

**2260 1000** Ċemplilna mit-08:15 sat-20:00 **www.banif.com.mt**

**BANIF**
BANK
*The power of believing*


DEDICATED MICROS
SURVEILLANCE TECHNOLOGY FOR THE WORLD
For almost a quarter of a century, Dedicated Micros has constantly stretched the boundaries of CCTV technology. Not just in the research and science behind it, but in the imagination and vision that drives it everforward. And the result? Security and surveillance technology that is opening up a whole new world of exciting possibilities, and bringing the future a little closer each day.
• Casino and Online Gaming
• Banking
• Small, Medium to Enterprise Solutions
• Law Enforcement
• Transportation
The ability to deliver live and recorded video straight from any camera or hard disk direct to any desktop PC provides an extremely cost-effective method of increasing the number of control stations in the system. It also widens the value of the security system by opening up the real benefits of CCTV to other areas of the organisation.
www.dedicated micros.com
DEDICATED MICROS MALTA
BLB017, Bulebel Industrial Estate, Zejtun – ZTN 3000. Malta
Tel: +356 2381 9238 / +356 21483 673
Fax: +356 21449 170 • Email: sales@dmicros.com.mt
WINNER
IFSEC SECURITY INDUSTRY AWARDS 2·0·0·1 WINNER
IFSEC SECURITY INDUSTRY AWARDS 2·0·0·2 WINNER

# Għoti ta' Ċertifikati ta' Mertu u t-tqassim tax-Shield

Fl-2006, il-Kummissarju tal-Pulizija nieda proċess ta' għażla sabiex Pulizija li jkun iddistingwa ruħu fil-qadi ta' dmirijietu jiġu rrikonnoxuti. L-iskop mhux biex jagħmel lil dan il-membru uniku, imma li jservi ta' eżempju għal membri l-oħra tal-Korp. L-uffiċjal jiġi magħżul minn bord li huwa mwaqqaf għal ta' l-apposta fejn xogħolhom huwa li jgħarbel il-lista ta' dawk l-uffiċjali kollha li jkunu ġew innominati, fosthom dawk li jkunu rċievew ċertifikati ta' mertu jew ta' kommendazzjoni matul is-sena ta' qabel liema proċess. L-għażla ta' dan il-proċess huwa wieħed trasparenti u l-unuri jingħataw waqt ċerimonja li ssir kull sena.

Fit-2 ta' Jannar, 2011, bħas-snin ta' qabel, saret iċ-ċerimonja tal-għoti ta' dawn l-unuri li ġiet varata b'quddiesa mqaddsa mill-Kapillan tal-Korp, Fr. Raymond Bonnici OFM. L-attendenza kienet waħda numeruża ġewwa s-Sala Vilhena u fost il-mistiednin, barra l-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo u l-mara tiegħu, kien preżenti l-Ministru tal-Ġustizzja u Intern, l-Onor. Dr. Carmel Mifsud Bonnici LL.D. Aktar minn hekk, kien hemm numru kbir ta' penzjonanti, u ma jonqos numru sabiħ ta' membri attivi.

## Ċerimonja

Wara l-quddiesa, l-Kappillan Fr. Raymond Bonnici fetaħ iċ-ċerimonja b'talba tal-okkazzjoni għal dawk il-membri u ex-membri tal-Korp li matul l-aħħar sena ħallew din id-dinja. Kemm il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll il-Ministru tal-Ġustizzja u Intern ġew mistiedna sabiex jikkommendaw lil dawk il-membri li ddistingwew ruħhom f'dawn il-kategoriji li ġejjin:

**• Trofew u "Shield" għall-kompetizzjoni ta' l-isparar li ġiet organizzata għall-Jum il-Pulizija fl-Akkademja:**

o Din il-kompetizzjoni ntrebħet minn PC 425 Michael Cilia La Corte, PC 1016 Anthony Mercieca u PC 660 Alexander Mifsud ġew it-tieni u t-tielet post rispettivament;

o It-trofew għall-aħjar membru tal-Korp mara intrebaħ minn WPC 207 Christine Calleja;

**• Ċertifikati ta' mertu mill-Kummissarju lil numru ta' Pulizija li bl-imġieba tagħhom iddistingwew ruħhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom:**

o PS 1086 Johann Micallef

*• Nhar it-30 ta' Ġunju, 2010 waqt li kien qiegħed xogħol fit-Taqsima ta' Kontra d-Droga kien strumentali sabiex kiseb informazzjoni neċċessarja u flimkien mas-superjuri tiegħu, kkonkludew investigazzjoni twila b'konnessjoni mal-importazzjoni f'Malta ta' droga kannabis;*



PC265 K Ciangura u PC869 K Gauci - Trofew tall ddistingwew ruħhom b'ghemilhom u fil-qadi ta' dmirijiethom



Shield mirbuħa mir-Raba' Distrett tali tnaqqset ir-rata ta' kriminalita' fis-sena 2010



Supt C BArtolo jircievi x-Shield minghand il-Kummissarju John Rizzo f'isem ir-Raba' Distrett


T: 2338 2338
comments@gssuperstore.com
GS superstore
NAXXAR
better choice, value & more
Carrefour
I love superstore
GS superstore
Loyalty Club
Free Delivery
offers
service with a smile :)
great savings
fresh
free parking

o PC 1091 Kenneth Camilleri u PC 1606 Robert Vassallo

• *Nhar it-8 ta' Settembru, 2010 waqt li kienu xogħol fit-Taqsima tat-Traffiku, fl-area ta' Wied il-Għajn, raw xi dħaħen li kienu ħerġin minn ġewwa residenza. Għaldaqstant PC 1091 kisser ħġieġa sabiex hu flimkien ma' PC 1606 setgħu jsalvaw il-ħajja ta' mara li kienet maqbuda ġewwa r-residenza tagħha stess minħabba nirien konsiderevoli li ħakmu l-post;*

o PC 944 Godwin Caruana:

• *Waqt li hu kien off-duty, nhar it-13 ta' Settembru, 2010, kien strumentali sabiex jgħaddi nformazzjoni lill-kollegi tiegħu mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, li wasslet għas-sejba ta' kwantita' konsiderevoli ta' droga;*

o PC 878 Jurgen Muscat:

• *Fl-24 ta' Settembru waqt li kien xogħol ġewwa l-Għassa tal-Birgu, irnexxilu jżomm lil ċerta persuna milli tneħħi ħajjitha;*

o PS 676 Edelon Spiteri:

• *Nhar is-26 t'Ottubru, 2010, waqt li kien off-duty, kien ukoll strumentali meta għadda nformazzjoni lill-kollegi tiegħu mill-Għassa tar-Rabat, Għawdex, li waslet għall-arrest ta' żewġ persuni li kkommettew diversi serqiet minn ġewwa petrol stations ġewwa Għawdex.*

• **Għoti tax-Shield għal dak id-Distrett tal-Pulizija li matul is-sena 2010 irnexxilu jnaqqas ir-rata jew il-persentaġġ ta' kriminalita' kif ikkumparat mas-sena ta' qabel:**

o *Wara kien imiss l-għoti tax-shield għall-aħajr Distrett, fejn kien id-Distrett numru 4 rebbieħ ta' dan l-unur wara li rrnexxilu jnaqqas ir-rata ta' kriminalita' matul is-sena 2010 bi 11.2% meta kkumparat mas-sena ta' qabel;*

• **Trofew lil żewġ Kuntistabbli li ddistingwew ruħhom b'għemilhom u fil-qadi ta' dmirijithom fis-sena li għaddiet:**

o *Dan it-trofew intrebaħ minn PC 265 Kenneth Ciangura u PC 869 Kurt Gauci – it-tnejn li huma stazzjonati fl-Iskwadra Mobbli;*

• Ċertifikati ta' servizz flimkien ma' tifkira ta' apprezzament lil dawk l-ex membri tal-Korp li rtiraw bil-pensjoni mis-servizz wara li servew għal 25 sena jew aktar.

## Diskorsi ta' l-Għeluq

Iċ-ċerimonja tat-tqassim tal-unuri ġiet fit-tmiemha b'diskors tal-okkazzjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo u l-Ministru tal-Ġustizzja u Intern, Dr. Carmelo Mifsud Bonnici LL.D. Il-Kummissarju tenna' li x-xogħol tal-Pulizija huwa diffiċli biex jitkejjel u m'hemm l-ebda riga sabiex isir dan u għalhekk l-għażla ta' uffiċjal/i li ddistingwew ruħhom kienet waħda diffiċli. Għamel referenza għaż-żewġ kuntistabbli tal-Iskwadra mobbli fejn stqarr li kien att qalbieni u ta' kuraġġ, u li jkun qed jikkomwovi ruħu għax ġab ruħu fis-sitwazzjoni tagħhom. Jgħid li dan l-att ta' qlubija u kuraġġ huwa ta' xempju għall-membri l-oħra tal-Korp. Għamel



PC1091 Kevin Camilleri jircievi c-Certifikat ta' mertu



PC1606 Robert Vassallo jircievi c-Certifikat ta' mertu



PC944 Godwin Caruana jircievi c-Certifikat ta' mertu



PS676 Edelon Spiteri jircievi c-Certifikat ta' mertu

**ame**

**health and safety services ltd.**




**AME health and safety services ltd** is a locally based consultancy and training provider in the Occupational Health and Safety field. We provide our services to all business operators in industrial, commercial and any work environment that entail human activity.

AME is made up of our highly specialized team of qualified personnel in Diploma for Social Studies (Occ. Health and Safety) University of Malta accredited by the Institute of Occupational Health and Safety (IOSH, UK)

Our commitment is to promote awareness and procedures in accordance with Occupational Health and Safety Regulations.

**RISK ASSESSMENTS • OHS MANAGEMENT CONSULTANCY • INSPECTIONS • TRAINING**

Innovation Centre, Apartment 2, Tower Street, Swatar, B'Kara BKR 4012. Tel: 2149 5781 Fax: 2144 6234 www.ame.com.mt



PC425 Michael Cilia La Corte gie l-ewwel fil-kompetizzjoni tal-isparar



PC1016 Anthony Mercieca gie t-tieni fil-kompetizzjoni tal-isparar





Wpc207 Christine Calleja giet it-tielet fil-kompetizzjoni tal-isparar

**Kummenti mingħand uħud mill-Pulizija li ġew onorati:**

*Wara ċ-ċerimonja PS 676 Edelon Spiteri ħallilna kumment dwar dak li ġara nhar is-26 t'Ottubru, 2010. Huwa qal li bħalma qal il-Kummissarju fid-diskors tiegħu, ma jkun qiegħed jassumi ħażin min jaħseb li f'ċertu Distretti ma jsir xejn. Tajjeb li wieħed issemmi li fis-sena li għaddiet f'Għawdex tressqu ammont sostanzjali ta' nies. PS 676 kompla jgħid li jħossu onorat li ġie nnominat mis-superjuri tiegħu u li finalment intagħżel sabiex jingħata ċ-ċertifikat li għalih jista' jgħid li hu riżultat pożittiv finali li wassalhom biex jarrestaw żewġ persuni li wettqu erba' serqiet. Dawn l-arresti huma riżultat ta' ħidma ta' tim magħqud. Huwa kompla jgħid li dan iċ-ċertifikat ser iservih ta' inċentiv sabiex ikompli jkun dejjem aktar professjonali fuq il-lant tax-xogħol.*

Naħseb l-aktar unur li ddistingwa ruħu din is-sena kien mirbuħ minn żewġ Kuntistabblijiet stazzjonati ġewwa t-Taqsima Mobbli jiġifieri PC 265 Kenneth Ciangura u PC 869 Kurt Gauci fejn b'kuraġġ u determinazzjoni, rnexxielhom jisfrattaw ***hold-up*** li kien qiegħed isseħħ ġewwa iċ-Ċentru Ružar Briffa liema Ċentru jippartjeni lil ***HSBC Bank Malta plc*** u qiegħed Ħal-Qormi. Dawn iż-żewġ uffiċjali għamlu d-dover tagħhom b'reqqa, u użaw forza proporzjonata sabiex iwwaqqfu r-rejat kriminali fil-mument mingħajr esitazzjoni iżda b'responsabbilita' liema azzjoni tagħhom issarrfet sabiex dawk responsabbli ta' dan ir-rejat ikunu magħrufa u mressqa quddiem il-Qorti sabiex iwieġbu għal aġir tagħhom.

referenza wkoll għad-Distrett 4 li għalkemm kien hemm xnigħat li ma ssir xejn mill-Għassa ta' Bormla, dan irrizulta li ma kienx minnu għax il-kriminalita' f'dan id-Distrett tnaqset b'aktar minn ħdax fil-mija (11%).

Għamel referenza wkoll għal dawk il-membri li ħallew din id-dinja u jgħid li dan huwa mument ta' nostalġija u fl-aħħar jirrimarka li minn naħa tad-Dipartiment ta' l-Investigazzjoni Kriminali ġew solvuti diversi każijiet iżda baqa' iżjed x'issir. Fl-aħħar jagħti l-messaġġ ta' awgurju lil kulħadd u jagħti messaġġ li b'forza waħda, l-Pulizija trid taħdem biex tilħaqq l-oġġettivi tagħha li tiġġieled u tnaqqas il-kriminalita' kollettivament.

Dr. Carmelo Mifsud Bonnici stqarr li kienet sena ta' ħidma kbira, ħidma kumbattuta u perikoluża għall-membri tal-Korp tal-Pulizija. Iħares lejn id-dover tal-Pulizija prinċipalment biex tiġġieled il-kriminalita' u b'riflessjoni ċara jistqarr li din mhix logħba. Fl-aħħar, il-Ministru rringrazzja lill-membri tal-Korp f'isem il-poplu Malti għal ħidma bla hedda li ssir b'dover u responsabbilita' li tingħata kuljum fejn huwa meħtieġ għall-ordni u sigurta' tas-soċjeta' Maltija.




*Powered by*

FIMBANK

FIMBank p.l.c. is a licensed credit institution in Malta, regulated by the MFSA and listed on the Malta Stock Exchange. This euro based product falls within the Depositor Compensation Scheme established under the Depositor Compensation Scheme Regulations, 2003. Withdrawals are on demand and effected via SEPA credit transfers. Rates are correct at time of going to press. Terms and conditions are applicable and available upon request.

# Qtil bi żball f'Ħaż-Żebbuġ

## Pulizija qatel bi żball raġel li kien sejjer għal kenn u l-wens tal-għassa, sforz il-biża' u l-għagħa tan-nies.

PS1133 Joseph Borg

Ġrajja li ser toħodna lura snin ilu u li kienet baqgħet tissemma' minħabba r-rarita' fiċ-ċirkostanzi, kien il-każ drammatiku li kien seħħ f'Ħaż-Żebbuġ, nhar il-15 ta' Lulju tal-1940, għall-ħabta tas-7.30am, fejn kienu ġew maqtula tliet persuni u tlieta oħra kienu ġew midruba serjament.

Il-każ jeħodna lura lejn il-qalba tat-Tieni Gwerra Dinjija, meta fi żminijiet bħal dawk kull min b'xi mod kien ikollu xi nkontru, tilwima jew għelt ieħor ma' xi ħadd, arah jara kif jagħmel sabiex ifittex u jirranġa kollox. Il-biża', l-ġuħ u t-tbatija li kien hawn kienu jgħinu sabiex dan jiġri aktar miż-żminijiet normali. Għalhekk ġrajja bħal din ma setgħetx ma tkexkix lil kull min semagħha.



Il-Kuntistabbli Nru 399 Zaren Calleja

Fil-Pjazza tal-Isptar, ġewwa Ħaż-Żebbuġ, f'numru 2, fi sqaq numru 2, kienet toqgħod il-kunjata ta' ċertu Pawlu Mifsud, mara anzjana ta' 67 sena. Għal xi raġuni f'din id-dar kienet inqagħlet kwistjoni familjari fuq il-wirt u waqt l-argument Pawlu spara b'*revolver* u qatel lil kunjata tiegħu, Lippa Agius. Dak il-ħin waqt dan l-argument sħun kien hemm ukoll fid-dar hu l-mara tiegħu, ċertu Karmnu Agius u martu Karmena, li fl-istess saħna jew dadija li kellu, dar għal fuq Karmni u sparalha wkoll. Kienet mietet ftit tal-ħin wara. Lil żewġha Karmnu, li jiġi bin l-ewwel vittma, attakkah b'sikkina u feriħ fuq kustilja tax-xellug u għamilu ferita fonda, barra l-gidma li gidmu fuq driegħu tal-lemin.

Fuq il-post waslu s-Surġent 530 Toni Attard u l-Kuntistabbli minn tar-riserva 353 Mose` Buttigieg li kif appena raħhom, Pawlu spara ukoll għal fuqhom minn ġewwa għal barra. Lill-Kuntistabbli Buttigieg kien laqtu fuq in-naħa ta' fuq ta' dahru; waqt li kif mar biex jispara fuq is-Surġent dan kien pront tbaxxielu u l-balla flok laqtet lilu laqtet il-ħajt ta' warajh u b'hekk ħelisa mill-mewt li kienet daqshekk viċinu.

Fil-fratemp, xi nies minn dawk li kienu jafu b'dak li kien qed jiġri, marru malajr itarfu lil wieħed mit-tfal ta' Lippa. Dan kif waslitlu dik l-aħbar, mar jiġri lejn id-dar t'ommu biex jara x'kien qed jiġri. Iżda ġara li waqt li kien ħiereġ mid-dar t'ommu, li bil-kemm kien laħaq daħal, li ma ndunax x'kien ġara. In-nies kif rawh hekk f'dak l-istat maħsud u mfixkel, bl-eċċitament tagħhom ħasbuh il-qattiel u bdew jgħajtu, 'hawn hu ara ġej dak li qed jispara fuq in-nies'. Sadanitant, il-Kuntistabbli 399 Zaren Calleja, li kien għadu kif ħareġ mill-Għassa armat b'*revolver* sejjer jgħaġġel biex jassisti lil sħabu, beda jisma' ħafna għajjat u storbju ġej lejn id-direzzjoni tal-Għassa, meta f'daqqa waħda jara raġel sejjer jiġri lejh, bin-nies warajh jgħajtu. Għal bidu kien għajjat ma jinftehimx, iżda meta kienu viċin biżżejjed, il-Kuntistabbli Calleja beda jifhem li l-għagħa tan-nies kienet qiegħda tavża lill-ġustizzja b'min kien għadu kif wettaq dawk id-delitti. Calleja għalhekk beda jgħajjat u jordna lil dak ir-raġel li kien ċertu Lippu Agius sabiex jieqaf u jersaq lura - 'żomm... erġa' lura...'. Iżda Agius flok waqaf kif ordnalu l-Pulizija, baqa' sejjer 'l quddiem; deher ukoll jagħmel xi mossi b'idejh li komplew iħasbu ħażin lill-Kuntistabbli Calleja u n-nies

*Sew il-każ innifsu u l-eżodu tiegħu qanqal tant interess, mhux biss mill-aspett ta' għajdud popolari; iżda għal piż b'valur legali li kien iġorr; li saħansitra baqa' matul is-snin, jitqies bħala wieħed mill-mudelli, abbażi ma' skont kif iddettat ir-raġuni.*

preżenti. Biex jiddefendi lil dawk in-nies u lilu nnifsu, Calleja beda jgħajjat lin-nies sabiex jidħlu fil-knisja, Agius baqa' ma waqafx u l-Kuntistabbli Calleja spara tiri għax kien ħaseb li Lippu kien sejjer jispara għan-nies u għalih.

Kien sparalu tliet tiri u minħabba f'hekk Lippu kien waqa' mal-art u miet dak il-ħin stess. Naturalment kienet isejħet inkjesta u bdew jinġabru x-xhieda; b'riżultat ta' sitt vittmi u ż-żewġ mixlija; il-kagun ikun kwistjoni familjari fuq il-wirt.

Fil-Qorti l-prosekutur pubbliku, l-avukat Tankred Gouder xela lil Pawlu Mifsud ta' 44 sena, messaġġier mal-Gvern mir-Rabat talli kien qatel lil Lippa Agius u lil Karmni Agius, darab lis-Surġent tal-Pulizija Toni Attard, lill-Kuntistabbli Mose` Buttigieg u lil ħu l-mara tiegħu Karmnu Agius - b'kollox qatel żewġ nisa u darab serjament tlitt irġiel; u li kien uża' sikkina u *revolver* biex wettaq id-delitt tiegħu. Lil Zaren Calleja, l-Kuntistabbli ta' 36 sena li kien minn Ħal Qormi u stazzjonat fl-Għassa ta' Ħaż-Żebbuġ, kien ġie mixli li qatel waqt il-qadi ta' dmirijietu bi tliet tiri ta' ***revolver*** lil Lippu Agius. Il-Prosekuzzjoni kienet qalet li l-Kuntistabbli Zaren Calleja għamel aktar milli kien jitlob id-dmir tiegħu ta' Pulizija u l-ħtieġa għall-ħarsien ta' ħaddieħor, billi flok spara lejn partijiet vitali li wasslu għall-mewt ta' Agius; seta' spara fejn kien jidorbu biss.

L-avukat taż-żewġ mixlija kien Bertu Magri, li kien beda d-difiża twila u mqanqla tiegħu billi qanqal l-eċċezzjoni sabiex il-Qorti tistħarreġ jekk x'ħin wettaq id-delitti tiegħu Pawlu Mifsud kienx f'sensih jew le. Il-ġurati mmexxija mill-Prim Ġurat l-Ispiżjar Leone Portelli daħlu biex jistħarġu t-talba tal-avukat Magri u l-Qorti preseduta mill-Imħalfin il-Professur Edgar Ganado li kien ukoll Aġent President, l-Imħallef Luigi Camilleri u l-Imħallef William Harding qatgħet li tilqa' l-eċċezzjoni bir-riserva.

### L-Indirizz tal-Qorti u l-Verdett tal-ġurati

Lejn tmiem dan il-ġuri li kien ħa tlett ijiem, beda bl-indirizz tassew għaref u għaqli l-Aġent President li għalkemm kien meqjuż b'kull kelma li ngħad, ħa iżjed minn tliet sigħjat. Matulu, l-Professur Imħallef Edgar Ganado fisser lil ġurati bi kliem tekniku, iżda fl-istess ħin ċar biex jinftiehem; kif il-mixli Pawlu Mifsud wettaq il-ħames delitti tiegħu, waqt li wera l-fehma tal-Qorti li l-mixli għamel kull ma' għamel għax kien hemm l-interess u li huwa ma setax kien barra minn sensih aktar milli jkun bniedem ieħor waqt saħna ta' demm.

Dwar il-Kuntistabbli Zaren Calleja, l-Qorti fissret li dan il-Pulizija spara fuq Lippu Agius biex jiddefendi ruħu u lill-pubbliku u li f'dak il-waqt ta' eċċitament, il-kuntistabbli Calleja ma kellux żmien joqgħod jaħseb lejn fejn għandu jimmira t-tiri tiegħu, l-aktar meta kien ġa jaf li Surġent u Kuntistabbli kienu ġa waqgħu vittmi tat-traġedja li tnisslet fuq kwistjoni ta' wirt. Wara li temm l-indirizz tiegħu, l-Qorti daħlet tistenna l-verdett tal-ġurati. Wara ftit anqas minn siegħa l-ġurati dehru ħerġin mill-kamra tad-delliberament u għalenija qablu li Pawlu Mifsud 'huwa ħati' tal-ħames delitti li wettaq, waqt li kuntrarjament qablu li Zaren Calleja 'mhux ħati' tad-delitt li bih ġie mixli. Il-Qorti, wara sentenza studjata, ikkundannat għal mewt lil Pawlu Mifsud u ħarġet ħieles lill-Kuntistabbli Calleja.

**Il-forka kienet ilha ma tara xi vittma minn tagħha, għal aktar minn tlettax-il sena.**

Billi f'Malta sa dak iż-żmien minn dan il-każ, kienet ilha ma tingħata sentenza tal-mewt; il-każ u t-tmiem tal-ġuri ta' Pawlu Mifsud kien għamel impressjoni kbira fuq in-nies. L-aħħar tnejn li kienu telgħu t-taraġ tal-forka kienu Zaren Abela miż-Żejtun u Ġużepp Pace li kien Għawdxi. Bejn l-eżekuzzjoni ta' wieħed u l-ieħor ma kienx hemm għajr ftit jiem. Zaren Abela kien ikkundannat għal mewt wara li kien instab ħati li kien qatel lil ommu Karmena u kien ġie mgħallaq fl-1 ta' Frar ta' l-1927; waqt li Ġużepp Pace minħabba li kien qatel lil imgħallem tiegħu, ċertu Massu Farrugia fil-Gżira, kien tneħħha fit-18 tal-istess xahar.

Dwar dan il-każ li għalkemm seħħ xi ftit taż-żmien ilu u għalhekk b'xi mod jista' jgħati l-każ li ċertu mentalitajiet fis-soċjeta` ngenerali nbidlu wkoll, jibqa' l-fatt u minn hawn toħroġ il-lezzjoni fid-dawl tal-indirizz, li attwalment kien ferm elaborat; illi mhux faċli fiċ-ċirkostanzi bħal dawk li kien sab ruħu fihom Calleja, li ma jmurx żmerċ fl-azzjoni hekk stantanja li kellu jieħu; waqt li tqis ukoll bl-iżgwidar u l-kontribut negattiv ta' dawk in-nies li sforz l-esterizzmu, ħolqu għad-destin l-għagħa kontra persuna, li ma kien xejn għajr vittma oħra b'xokk emottiv, jiġri għal għajjut biex finalment spiċċa wkoll maqtul.

Sew il-każ innifsu u l-eżodu tiegħu qanqal tant interess, mhux biss mill-aspett ta' għajdud popolari; iżda għal piż b'valur legali li kien iġorr; li saħansitra baqa' matul is-snin, jitqies bħala wieħed mill-mudelli, abbażi ma' skont kif iddettat ir-raġuni.

JB
STORES

Spring starts here



The new Spring/Summer Collections are now in. Come have a look!
Curtains - Carpets - Home Textiles - Household Goods -
Haberdashery - Clothes - Fashion Fabrics

Open All Day

Iklin - Gallarija Fgura - Hamrun - San Gwann T: 23314301 W: www.jbstores.com


STONE
BOTTEGA del MARMISTA
LIMITED
Durumblat Road, Ta' Qali L/o Mosta - Malta
Tel: (00356) 21415387 Email: bdm@maltanet.net

# Attivitajiet mill-Korp tal-Pulizija fi żmien il-Milied

## Il-Banda tal-Korp tal-Pulizija ddoqq fi Pjazza San Ġorġ u Pjazza tal-Assedju l-Kbir, il-Belt Valletta























## Officers High Tea









## Party tat-tfal












## Other ranks reception











## Quddiesa ta' nofs il-lejl fis-Sala Vilhena













## Dinner tal-Uffiċjali tal-Milied li sar fis-Sala San Mikiel







# Quddiesa u ċ-Ċeremonja ta' l-għoti taċ-Ċertifikati ta Mertu













# Għoti ta' Unuri ta' Mertu u s-Shield



L-Uffiċjali tas-Sena



Id-Distretti tas-Sena



Indirizz mill-Ministru



Indirizz mill-Kummissarju



Membri li attendew għaċ-ċeremonja li illum daħlet fil-kalendarju annwali

# Il-membri tal-Korp immexxija mill-Uffiċjali u l-Kummissarju li ipparteċipaw fl-istrina li għaddiet 2010















## Il-parteċipazzjoni tal-Korp tal-Pulizija fl-Istrina

Fejn jidħol xogħol umanitarju, il-Korp tal-Pulizija huwa wieħed minn ta' quddiem li dejjem iddistingwixxa ruħu. Bħal kull sena l-Korp laqa' t-talba li għamlitlu l-*Community Chest Fund* sabiex fl-Istrina jipparteċipa waqt il-maratona ta' ġbir ta' fondi.

Kienu l-Uffiċjali għolja tal-Korp li fis-26 ta' Diċembru, bħala rappreżentanti tal-Korp kollu, offrew ħinhom sabiex jirrispondu numru sabiħ ta' telefonati, fejn kienu milqgħuha d-donazzjonijiet tal-pubbliku.

Apparti l-ħin, il-Korp tal-Pulizija offra wkoll donazzjoni ta' €2,000 għal dan il-għan hekk nobbli.







Baronesse

...for a healthy lifestyle!

Baronesse is a reduced-fat cheese with an absolute fat content of only 13% - a low calorie semi-hard cheese of smooth texture and zesty taste. With its mild-delicate, slightly sweetish taste it is thus ideal for demanding, but at the same time, nutritionally aware cheese lovers. Baronesse is easily digested and has a naturally high calcium content.

**TRADE ENQUIRIES: QUALITY EXPORT & IMPORT LTD. – TEL.2146 3600 / 2**

# L-Interpreti, Il-Qrati u l-Pulizija

Dr Anthony Licari

Dawn l-aħħar snin, kemm il-Qrati kif ukoll il-Pulizija qegħdin jitolbu l-kollaborazzjoni tal-interpreti ta' diversi lingwi fil-ħidma tagħhom. Dan għaliex żdiedet il-preżenza f'pajjiżna ta' persuni ta' nazzjonalita' barranija għal raġunijiet ta' negozju, żwieġ bejn Maltin u barranin, kif ukoll residenza ta' barranin f'Malta minn persuni li joriġinaw mill-Unjoni Ewropeja.

L-interpreti mal-Pulizija u l-Qrati jissejħu għal xogħol li jinvolvi kemm akkużati kif ukoll vittmi. Spiss ukoll, l-interpreti jintużaw meta jkun hemm xhieda li la jesprimu ruħhom bil-Malti u lanqas bl-Ingliż.

